KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 39

**It-Tlieta 15 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm minħabba li ma kienx għad hemm quorum.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier (wasal fis-7:00pm)
Christianne Mifsud – Kunsillier  (waslet fis-7:00pm)

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef  – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 39.1 Qari tal-Apoloġiji

39.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 38

39.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

39.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 38 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 39.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

39.3.1 Is-Sindku informa li kien għamel kommunikazzjoni mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fir-rigward tal-fondi li għad hemm bżonn biex jitlesta l-proġett tal-*Visitors Centre*. Min-naħa tagħhom urew interess f'dan il-proġett u wegħdu lis-Sindku li għandhom ikellmuh lura.

39.3.2 Sadanittant informa li kien se jkellem lill-Ministru għall-Proġetti Infrastrutturali sabiex possibbilment tiżdied l-allokazzjoni min-naħa tagħhom qabel ma jiġi ffirmat l-MoU dwar ix-xogħlijiet l-oħra tal-*Visitors Centre*. Il-Kunsillier Dr Attard talab lis-Sindku jassigura biex l-MoU jiġi ffirmat mill-aktar fis possibbli sabiex il-Kunsill ikun assigurat li jista' jibda x-xogħlijiet.

39.3.3 Is-Sindku informa wkoll li hu, il-Viċi Sindku u s-SE kienu ltaqgħu mal-Professur Torpiano minn l-għaqda Din l-Art Ħelwa u infurmawh bil-pjanijiet li kien hemm għall-proġett tal-VC u t-torri ladarba l-proġett kollu jkun lest. Hu kien interessa ruħu ħafna u għalkemm kien se jkellem lill-kumplament tal-membri tal-kumitat, kien qal ukoll li huma setgħu jgħinu biex issir sejħa għal voluntiera, biex jiġi kreat sottokumitat magħmul minnhom u setgħu jgħinu wkoll fl-amministrazzjoni tal-post permezz tal-esperjenza tagħhom. Huwa kien se jiġi lura bir-risposta wara li jkun kellem lill-Kumitat. Min-naħa tiegħu, il-Professur Torpiano informa wkoll li kien qed jitħajjar biex jagħmel proġett dwar *masterplan* għal-lokalità kollha permezz tal-istudenti Universitarji tiegħu.

39.3.4 Is-Sindku informa li aktar tard dakinhar kien mistenni li jiġi Dr Bernard Grech fil-pjazza tal-Imtarfa filwaqt li l-għada kien mistenni Dr Robert Abela fil-bandli tal-Imtarfa.

39.3.5 Is-Sindku informa li kien għadu għaddej il-proċess tal-evalwazzjoni tat-*tenders* tal-proġett tal-Pjazza tal-Imtarfa. Hekk kif il-proċess kollu jkun tlesta, ikunu jistgħu jinbdew il-preparamenti biex isir ix-xogħol mill-kuntrattur li jkun rebaħ l-offerta.

39.3.6 Is-Sindku informa wkoll li l-Knisja kienet tefgħet *outline application* għal bini ta' knisja ġdida u żewġ sulari ta' parkeġġ li jesa 60 karozza taħtha. Is-SE infurmat li xi xhur ilu, kienet saret taf b'dan il-ħsieb u għalkemm mill-Kurja infurmawha li kienu se jgħaddu kopji tal-pjanti preliminari lill-Kunsill biex ikun mgħarraf bix-xogħlijiet, dawn baqgħu ma ntbagħtux.

## 39.4 Approvazzjoni tal-5 *Year Business Plan*

39.4.1 Is-SE infurmat li flimkien mal-*Accountant* kien ġie fformulat il-5 *year business plan* li jmiss.

39.4.2 L-*Accountant*, li kienet onlajn tat spjega tal-kontenut. Hija ġibdet l-attenzjoni dwar il-bżonn li l-Kunsill jimxi strettament mal-baġit minħabba li qed jiġi antiċipat li l-Kunsill se jispiċċa s-sena 2022 b'€1000 minn taħt imma li l-*working capital* ikun 0%.

39.4.3 Hija kompliet tgħid li kemm-il darba għal dawn il-ħames snin li ġejjin, il-Kunsill joqgħod lura mill-infiq li ma jkunx hemm baġit għalih, għaldaqstant sas-sena 2026 qed ikun antiċipat li jkun wasal biex għamel surplus ta' €2000.

39.4.4 Ġibdet l-attenzjoni wkoll li fir-rigward ta' proġetti kapitali, kien hemm baġit żgħir proġettat biex għallanqas il-Kunsill ikun jista' jagħmel xi xogħlijiet żgħar.

39.4.5 Il-pjan ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 39.5 Pjan biex il-Kunsill jirkupra mid-*Deficit*

39.5.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet kommunikazzjoni lill-Kunsill dwar l-ittra tad-Dipartiment dwar id-*deficit* tal-Kunsill.

39.5.2 Hawnhekk kien hawn diskussjoni flimkien mal-Kunsill dwar kif qed jissuġġerixxu li jitnaqqas id-*deficit* tal-Kunsill. Il-Kunsillier Dr Attard ġibed l-attenzjoni li s-SE u l-*accountant* tal-Kunsill għandhom iġibu argumenti konkreti ghalfejn l-allokazzjoni mhijiex bizzejjed u għalfejn għandha tiżdied jew tal-inqas ikun hemm permess li wieħed jimplimenta miżuri li jiġġeneraw il-flus; Kif għalkemm żgħar, ċertu spejjeż isiru bħal Kunsilli kbar u anzi għal Kunsill żgħir ikunu ta' piż akbar minħabba *economies of scale;* talab li tinġibed l-attenzjoni dwar l-inġustizzja ta' kif minkejja l-inosservanza tar-regoli ta' bosta Kunsilli għal snin twal, qatt ma ġew sanzjonati jew tal-inqas żvantaġġjati fi skemi tal-Gvern. Kif allura flok jippremja l-bżulija, l-ambizzjoni u l-għaqal fit-tmexxija, tali sitwazzjoni sservi biss biex tiddiżinċentiva, tiddemotiva u tiddemoralizza lil dawk kollha li għandhom sens ċiviku u li jridu jagħmlu differenza pożittiva fil-komunità.

39.5.3 Sadanittant biex titranġa s-sitwazzjoni tad-*deficit*, il-Kunsill qabel li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għandhom ikunu li jkun hemm żieda fil-prezz tal-biljetti tal-VC sabiex jirriflettu l-prezzijiet tal-lum u jsostnu ftit mill-ispejjeż li se jkollu l-Kunsill; tintalab allokazzjoni ikbar u se jintalbu xi fondi mingħand il-Ministeri sabiex jingħalaq il-proġett tat-Torri tal-Arloġġ u l-VC mingħajr ma jinħarġu aktar flus mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

## 39.6 Servizz ta' Vann għall-Komunità

39.6.1 Is-SE infurmat li nhar l-10 ta' Marzu, il-vann tal-komunità kien ġie inawgurat mill-Onorevoli Ian Borg u mbierek minn Fr Aayrton Muscat fil-preżenza tal-Kunsilliera. Hija infurmat li s'issa ma kienx hemm min ibbukkja s-servizz għalkemm kien hemm ħafna talbiet għall-informazzjoni.

## 39.7 Proġett ta' restawr tat-Torri tal-Arloġġ u bini ta' *Visitors Centre* fl-Imtarfa

39.7.1 Is-SE infurmat li matul ix-xahar li għadda kienet irċeviet tliet talbiet differenti imma simili mingħand 3 kuntratturi li rebħu t-*tenders* dwar dan il-proġett. Hija qalet li kienet ġabet risposta min-naħa tal-avukat tal-Kunsill u dan kien għaddielha risposta komprensiva ħafna bl-estratti mil-liġi biex jissostanzjaw il-parir legali tiegħu. Fuq it-tliet kwistjonijiet il-parir legali tiegħu kien li l-Kunsill iżomm mal-ammont oriġinali tal-BoQs għaliex il-liġi kienet fuq il-lat tal-*Contracting Authority*, filwaqt li tobbliga lill-kuntrattur li jżomm mal-prezz oriġinali.

39.7.2 L-ewwel talba kienet mingħand il-kuntrattur tal-kostruzzjoni minħabba li l-prezz tal-ħadid kien għola mill-2019 lil hawn. Hija infurmat li minbarra l-fatt li min-naħa tal-avukat il-parir tiegħu kien hekk kif imsemmi f'para. 39.7.1, ix-xogħol kollu kien diġà twettaq u ma kienet saret ebda talba formali jew ebda aċċenn minn qabel ma nbeda x-xogħol dwar għoli ta' prezz. Għaldaqstant kienet infurmat lill-kuntrattur b'dan kollu u kien bagħat il-kont skont il-BoQ preżentat minnu fl-offerta oriġinali. Dan kien qiegħed jiġi preżentat għall-approvazzjoni.

39.7.3 Kwistjoni oħra kienet li kuntrattur ieħor (M&E's) li kellu jibda f'Jannar kien qed jinforma li l-prezzijiet kienu għolew b'madwar 35% u għalkemm is-SE kienet infurmatu bil-miktub skont il-parir legali tal-avukat, dan xorta waħda kien qed jitlob li l-Kunsill itih xi kumpens għall-għoli tal-materjal inkella kien lest li ma jonorax il-kuntratt. Is-Sindku informa li kien se jagħmel kuntatt mal-Ministeru tal-Infrastruttura biex naraw il-possibbiltà li għalmenu jingħata kumpens fuq ċertu materjal li kien hemm żieda sostanzjali fuqu.

39.7.4 It-tielet kwistjoni kienet mill-kuntrattur tal-*Finishes* fejn dan kien informa wkoll li l-prezzijiet tal-materjal kienu għolew u uħud minnhom anke saru skarsi. Għaldaqstant informa li hu ma jistax jibda jaħdem dan il-kuntratt bil-prezz li kien waddab fl-2019. Hija kienet iltaqgħat mal-kuntrattur u infurmatu wkoll bl-informazzjoni li għaddielha l-avukat. Kienet bagħtet ukoll talba lill-*Managing Authority* u dawn kienu infurmaw li d-deċiżjoni għandha tkun tal-Kunsill Lokali bħala l-*Contracting Authority*. Hija infurmat li huwa kien ta *deadline* sal-31 ta' Marzu biex il-Kunsill jgħaddilu risposta inkella ma kienx se jaċċetta li jidħol għall-kuntratt. Hija qalet li fiż-żewġ każijiet, jekk il-kuntratturi ma jonorawx l-offerta li tefgħu, kien ifisser li l-Kunsill se jaqa' ħafna aktar lura u kien se jkollu jerġa' joħroġ l-offerti mill-ġdid bi prezzijiet ferm aktar għola milli kien qed jintalab fil-preżent. Barra minn dan, setgħu wkoll ikunu r-raġuni għaliex jaqgħu kuntratti oħrajn li għadhom ma ngħatawx bidu għax-xogħlijiet.

39.7.5 Sadanittant infurmat li ma kien għadu nstab ħadd li kkonferma li lest li jidħol għall-finanzjament tal-aħħar parti tal-proġett. Hija ħeġġet lill-Kunsilliera biex jippruvaw jagħmlu ħilithom biex jaraw minn fejn jista' jinġab dan il-finanzjament.

## 39.8 Kommunikazzjoni min-naħa tas-Sindku, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

39.8.1 Is-Sindku informa li kienet intbagħat ittra lill-Kunsilli Lokali dwar skemi differenti li kien qed joffri r-Reġjun. Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja permezz tal-*emai*l u ħalliet kopja stampata għal kull Kunsillier biex isegwi. Kien hemm qbil li tinqara l-ittra u jittieħdu noti għall-punti rilevanti:

39.8.2 **CCTV system:** Iż-żewġ lokazzjonijiet għal cctv's ġodda ġew individwati bħala fuq wara ta' Binja Qlejgħa u mad-*Drop off Point* ta' Binja Sta Luċija.

39.8.3 Hawnhekk kien hawn diskussjoni dwar id-*Drop Off Point* ta' Binja Buqana A fejn ir-residenti għandhom tabella għal *drop off point* viċin tal-VC. Kien hemm qbil li ħafna minn dawk li jarmu l-boroż tagħhom f'din id-drop off point kienu residenti minn bejn il-*barracks*, żona fejn suppost kulħadd qed iħallih wara r-residenza tiegħu u jinġabar bieb bieb mill-kollettur. Għaldaqstant kien hemm qbil li hekk kif ukoll se jibda l-kuntratt il-ġdid, għandha tintbagħat ittra lir-residenti tal-madwar fejn jiġu mgħarrfa b'dan kollu. Fl-istess waqt it-tabella għandha titpoġġa viċin tal-entratura ta' Binja Buqana, Blokka A.

39.8.4 Hawnhekk waslu l-Kunsilliera Fenech u Mifsud. Il-ħin kien is-7pm.

**Assistance for outdoor sport areas to procure, install new outdoor adult sport facilities:** kien hemm diversi suġġerimenti u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill jiddiskuti aktar fid-dettall aktar 'il quddiem minħabba li r-risposta trid tingħata sal-aħħar ta' Ġunju.

**Assistance to Councils to market council cultural, artistic and sport events:** Kien hemm qbil li l-kunsill għandu jipprova jaħdem fuq attività sportiva bejn l-għaqdiet kollha tal-Imtarfa. Is-Sindku kien se jikkuntattja lil Depiro Basketball biex jitlob l-għajnuna tagħhom f'din l-attività.

**Regional Assistance to Libraries and Regional Libraries:** Is-SE infurmat li diġà kienet għamlet kuntatt mar-Reġjun u talbet għal aktar informazzjoni.

**Nudging Active Travel Project:** Diġà sar kuntatt mal-Kunsill u ġie identifikat post ħdejn il-bandli.

**Virtual Tours:** Is-SE infurmat li kienu ġew individwati t-Torri tal-Arloġġ, l-Iskola Primarja u l-Kappella ta' Santa Luċija.

**Street Events Festival:** Kien hemm qbil li dan jiġi allaċċjat ma' para. 7. Is-Sindku għandha tkun il-persuna li tirrapreżenta lill-Kunsill bħala rappreżentant ta' dan il-festival.

**Animal Welfare Project:** Kien hemm qbil li għandu jerġa' jkun hemm diskussjoni dwar dan il-punt għalkemm issemmew punti bħal neutering, aktar cat shelters, xiri ta' doggie bins, eċċ.

**Health & Safety Regioinal Officer:** Is-SE infurmat li se tieħu ħsieb li tgħaddi l-informazzjoni rikjesta.

## 39.9 Punti Oħra

39.9.1 Il-Kunsillier Dr Attard ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li Infrastructure Malta kienu wegħdu li se jagħmlu rawndebawt isfel nett ta' Triq l-Istazzjon. Huwa saħaq li importanti li jiġu mfakkra issa minħabba li jridu jsiru pedamenti minn isfel nett hekk kif għaddej ix-xogħol fuq il-pont. Is-Sindku informa li kien se jagħmel kuntatt ma' IM b'mod immedjat.

39.9.2 Is-Sindku informa li kien twaħħal l-arblu li kien tħalla barra mill-Enemalta fi Triq il-Kav Vincenzo Bonello. Kienu nbidlu wkoll il-*barriers* tan-naħa ta' fuq.

39.9.3 Inġibdet l-attenzjoni wkoll li ż-zebra crossing ta' quddiem ir-razzett bl-isem Palma kienet għadha bla dawl. Il-Kunsillier Dr Attard insista li oriġinarjament hemmhekk kellhom jagħmlu *traffic lights u* mhux *zebra crossing* minħabba l-periklu. Insista wkoll li kellhom isiru *barriers* tal-ħadid quddiem l-istess residenza għal min ikun miexi u għall-istess residenti tad-dar.

39.9.4 Il-Kunsillier Dr Attard staqsa wkoll jekk kinitx saret iz-*zebra crossing* quddiem il-*mechanics* isfel nett ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello. Is-SE infurmat li din baqgħat ma saritx u għaldaqstant kienet se terġa' tibgħat tfakkira lil IM.

39.9.5 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien is-7:30pm.

39.9.6 Is-SE infurmat li kien ġie ffirmat l-MoU ma' Depiro Basketball Club sabiex jibdew jagħlqu l-bosk f'isem il-Kunsill flgħaxijiet. Sadanittant infurmat ukoll li kienet inżammet laqgħa mal-librara u s-Sur Baldacchino minn DBC dwar l-użu tal-librerija waqt is-summer school li tiġi organizzata mid-Depiro. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, anzi inkoraġixxa l-użu tal-librerija biex din tinżamm aktar ħajja. Sadanittant is-SE infurmat ukoll li bi qbil mal-librara kien ġie deċiż li jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ tas-Sibt minn waranofsinhar għal filgħodu sabiex jintlaħqu aktar residenti u anke sabiex it-tfal tal-istess summer school ikunu jistgħu jgħaddu hemm wara li jispiċċaw. Il-Kunsill qabel.

39.9.7 Is-SE infurmat li kien ingħata bidu għax-xogħlijiet fi Sqaq Alessi u kienet għadha kif ingħatat ukoll l-ewwel kisja asfalt.

39.9.8 Is-SE infurmat li sfortunatament il-Jobsplus kienu waqqfu l-proċess kollu tal-ingaġġ għal Assistent Uffiċjal Prinċipali u għaldaqstant ma kien għadu nstab ħadd li jista' jieħu post l-Uffiċjal Eżekuttiv.

39.9.9 Sadanittant hija infurmat li kienet poġġiet avviż dwar il-vakanza ta' Contracts Manager fuq il-paġna tal-Kunsill.

39.9.10 Hawnhekk kien hawn qbil li s-SE għandha tinforma lill-kuntratturi tal-iskart (il-ġdid) u l-kuntrattur tal-knis sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill qabel il-laqgħa li jmiss (bejn il-5pm u s-6pm).

## 39.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

39.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 03/2022), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Mifsud Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 39.11 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

39.11.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' April 2022 fis-6:00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 21 ta' April 2022.

Kyle Mifsud
Sindku

Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv